

# Mro. Willie Attard

*(1900-1970)*

## l-awtur tal-Innu l-Kbir fl-40 sena minn mewtu

kitba tal- **Kan. Lino Vella**, L. Ped. Soc., B. Sc. Ed.




Din is-sena jaħbat l-erbgħin sena mill-mewt tas-Surmast Willie Attard. Għalina l-Kerċmin, l-isem ta' dan l-bniedem ser jibqa' marbut mar-raħal tagħna bħala l-kompożitur li tana l-innu tant sabiħ *Alla Beatissima Vergine del Soccorso*, magħruf bħala l-Innu l-Kbir.

Willie Attard twieled il-Ħamrun nhar l-14 ta' Mejju 1900. Huwa kien it-tieni wild fost erbgħa ta' Beneditt Attard mill-Furjana u Marija nee' Vella mill-Mellieħa. Kien jattendi l-iskola tal-Ħamrun u mill-bidu beda juri l-ħajra tiegħu għat-tagħlim tal-mużika, tant li ta' 8 snin biss kien diġa' jdoqq il-kwartin mal-Banda La Vallette.

Willie kien miżżewweġ lil Mary Cachia u kellhom sitt ulied, fosthom lil Anthony li kien idoqq is-sassafonu mal-Banda La Valette wkoll.

Willie tgħallem il-mużika taħt is-Surmast Miruzzi, l-armonija, il-kontrapunt u l-istrumentazzjoni taħt is-Surmast Carlo Diacono. Meta kellu 22 sena beda jidderieġi l-orkerstra li kien hemm fi ħdan l-Każin ta' San Ġużepp fil-Ħamrun. Din l-orkestra kienet komposta minn strumenti tal-korda biss u kellha tieqaf fl-1934.





Fost l-ewwel xogħolijiet, kien hemm *Fantasia Melodica*, *Cuor d'Artista*, u *Marcia Patria Nostra*. Fil-bidu tal-karriera mużikali mhux l-ewwel darba li kien itella' l-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun sa Sqallija jew l-Italja. Kif għidna fil-bidu is-Surmast Attard li kien mill-Ħamrun, u għalhekk ma setax jonqos l-imħabba u l-entużjażmu li hu kellu għall-festa ta' San Gejtanu. Għalhekk mhux l-ewwel darba li kien jikteb xi marċ biex jindaqq f'din l-okkazzjoni. Bejn is-snin 1944 u 1957 is-Surmast Attard kien responsabbli tal-Banda Leone tar-Rabat, Għawdex. Ta' min isemmi li ma' din il-Banda, dan is-Surmast fl-1950 ħa sehem fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-Oratorju Don Bosco. Din l-akkademja kienet saret fl-okkażjoni tad-Domma tal-Assunzjoni tal-Madonna. Lil din l-istess Banda dan is-Surmast ħallielha diversi marċi reliġjużi, kif ukoll marċi brijużi.

Is-Surmast Attard jibqa' magħruf għall-marċi bħal *Giorno di Festa*, *Speranza*, u *Sentimentale*. Iżda bla dubju, ismu jibqa' marbut mal-marċ brijuż *Il-Famuża Koppla*, li f'Għawdex huwa magħruf ukoll bħala *Il-Famuża Telgħa*.

Huwa kiteb ukoll l-innijiet tal-Baned *San Gużepp* tal-Ħamrun, *La Vittoria* tal-Mellieħa, *San Gabriel* ta' Ħal Balzan u *Maria Assunta* tal-Gudja. Barra minn hekk, huwa kiteb ukoll l-Innu l-kbir *Lil Marija Bambina* għal Mellieħa, *Lil Santa Marija* taż-Żebbuġ, Għawdex, u fl-1946 għal Kerċem kiteb l-Innu Alla *Beatissima Vergine del Soccorso*. Dan l-innu kien indaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku mill-Banda *Leone*, u mill-2001 'il hawn indaqq mill-Banda *San Girgor*. Ta' dan ix-xogħol Attard kien tħallas 10 Liri Sterlini. Ta' min jgħid li s-Surmast Attard baqa' kuntent b'din il-kompożizzjoni, u ma jistax jonqos li l-poplu ta' Kerċem kien sodisfatt ħafna. Ħafna nies kienu diġà semgħuh meta ndaqq għall-ewwel darba għal-festa tal-1946, peress li kienu jitilgħu ir-Rabat għall-kunċerti tal-Banda *Leone*.

Is-Surmast Attard miet nhar it-3 ta' Marzu, 1970 eżattament erbgħin sena ilu.